MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 439/2010

**Go Plc (C-22334)**
**Vs**
**Vincienne Spiteri (K.I. 481689M)**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta’ tliet mija u sbatax-il ewro, u sitta u hamsin centezmu (€317.56) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lil Go Plc in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru 40098090 skont diversi kontijiet mibghuta lilha u skont kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi mat-talba mmarkati IZY 1 u 2.

Illi l-konvenuta nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza .

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata.

Ra li l-konvenuta naqset li tidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tat-28 ta' Gunju, 2010 mill-Prokuratur Legali Noel Scerri.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------